# Il-Ħuttafa

Numru 148

Settembru - Ottubru 2018



Fjamingu

€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Ray Vella






Miżżewġin friski! Par **ħamranin**, mazzarell komuni.

# Ħbieb Ħuttaf

## mill-editur

"Tigdem?"
"Tniggżek?"
"Velenuża?"
"Dik tattakkak hux?"
"Iweġġgħek?"

Dawn huma mistoqsijiet li spiss jistaqsuni studenti inkwetati waqt li nkunu mixjin fin-natura u naraw xi insett għaddej għall-affari tiegħu.

Ħafna nies jibżgħu mill-insetti għax xi ħadd ikun beżżagħhom meta kienu żgħar. Jien ukoll meta kont żgħir kont nitwerwer minn kull ġurat li nara, nitkexkex min-naħal u naħrab jekk nara mazzarell.

X'ħasra kemm ħlejt snin nibża' mix-xejn!

Imma mbagħad bdejt naqra kotba fuq in-natura u bdejt immur il-ħarġiet tal-BirdLife, li dak iż-żmien kien jisimha l-MOS. Għamiltha ma' nies li veru jifhmu fin-natura – bħal Joe (ara p. 2) – u ftit ftit ħlist mill-ħmerijiet li kont nemmen.

Intom li għadkom qed tikbru u li tħobbu n-natura taħlux żmien fil-biżgħat u l-ħmerijiet. Jekk taraw ġurat mhux titwerwru, imma ersqulu biex taraw x'magna perfetta dawk is-saqajn twal ta' wara! Jekk taraw naħla mhux titkexkxu imma oqogħdu iggustawha tlegleg in-nektar mill-fjuri b'dak l-ilsien ġej għall-ponta. Jekk taraw mazzarell segwuh mhux aħarbuh. Araw ipoġġix fuq zokk u ersqu ħalli tammiraw dawk l-għajnejn enormi.

U taraw kif in-natura mhix ħaġa tal-biża' imma ħaġa ta' seħer li ma jispiċċa qatt.



Victor Falzon

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

Il-**fjamingu** (greater flamingo *Phoenicopterus roseus*) huwa wieħed mill-ikbar għasafar li jżuruna. Mhux għasfur komuni imma f'dawn l-aħħar snin saru jidhru qtajja' kull sena. Il-biċċa l-kbira jibqgħu għaddejjin, ħlief xi wieħed li jkun għeja jew intilef. Dawn l-aħħar ġimgħat kienu eċċezzjoni, għax fir-riserva tal-Għadira niżlu numru sabiħ, u sa ma morna għall-istampa kien hemm 11-il fjamingu... jistennewkom iżżuruhom!

# F'din il-ħarġa...

| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Wara vjaġġ twil... | 4 |
| Kotba ġodda | 5 |
| Fun facts - the octopus! | 6 |
| Attività | 7 |
| Il-Ġganti | 7 |
| Pitirross | 8-9 |
| Kolina u Żeppinu | 10 |
| Nies bil-gzuz | 11 |
| Iċ-Ċipressa | 12-13 |
| Il-Bufula Sewda | 14-15 |
| Xena tal-futur? | 16 |

## Kitbu f'dil-ħarġa

Sean Bonello, Emily Burton, Martina Brancato (National Aquarium), Desirée Falzon, Victor Falzon, Maria Farrugia (Wasteserv),

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta,Ottubru 2018
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052



BirdLife Malta

# F'idejna!

## It-tmexxija tar-riserva naturali tas-Salina issa f'idejn il-BirdLife




Aron Tanti

Fit-28 Awwissu 2018 il-BirdLife u l-Gvern iffirmaw ftehim li bis-saħħa tiegħu r-riserva naturali tas-Salina issa għaddiet uffiċjalment f'idejn il-BirdLife. Il-BirdLife se tagħmel minn kollox biex mhux biss insalvaw in-natura unika ta' dan is-sit imma naraw kif inżidu l-bijodiversità ta' din ir-roqgħa sabiħa ta' art u ilma.



## Saħħa, Joe...

Tislima għażiża lil **Joe Sultana** li ħalliena fil-11 Settembru 2018. Joe kien l-aqwa espert tal-għasafar li kellha Malta u kiteb diversi kotba fuq l-għasafar u n-natura. Għallem ħafna naturalisti u mexxa u saħħaħ lill-BirdLife għal ħafna snin. Bis-saħħa ta' Joe inħolqu r-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar li tant eluf ta' studenti u familji jżuruhom kull sena.

*Il-Ħuttafa* ssellem lil dan il-bniedem kbir. Saħħa Joe, u grazzi ta' kollox.



# Munqarun!

Aron Tanti

F'Settembru niżel fir-riserva tal-Għadira girwiel nordiku (*bar-tailed godwit*) għasfur rari u b'munqar favoluż! Kif juri ismu, il-girwiel nordiku huwa iktar tipiku tal-artijiet tan-naħa ta' fuq tal-Ewropa. Fis-sajf ibejjet fit-tundra tal-Finlandja u r-Russja, u fil-ħarifa l-biċċa l-kbira jpassu lejn il-punent tal-Ewropa fejn tkun inqas kesħa. Imma uħud ipassu 'l isfel sal-Mediterran biex jgħaddu x-xitwa fil-klima fietla ta' dan-naħat.





is-Semmiegħa

Desirée Falzon

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: li jekk jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Wara vjaġġ twil . . .



Il-**farfett tas-silla** kultant ipassi f'numri sbieħ.

Aron Tanti

"AJMA!"

Sky kien qed iħares 'il fuq u ma kienx qed jistenna ballun jistampah f'wiċċu! Kien il-brejk u oħtu Maris kienet qed tilgħab volibol ma' sħabha. Xi ħadd kien waddab il-ballun bis-saħħa u ġie f'tarf il-grawnd, fejn Sky kien qed iħares ċass lejn is-sema.

"Int orrajt?" staqsietu Maris, li ġiet tiġri, inkwetata għal ħuha. Imma Sky ma kienx moħħu fl-uġigħ.

"Ħares!" qal lil oħtu. Maris ħarset madwarha u rat kwantità kbira ta' friefet sofor u suwed. It-tewmin qatt ma kienu raw daqshekk friefet f'daqqa.

Marru malajr ifittxu lil sħabhom. Peter kien qed jittrenja l-atletika fil-grawnd il-kbir u oħtu t-tewmija Syvia kienet ma' Ms Galea li tmexxi Klabb Dinja Waħda u kienu qed jagħmlu *bird feeders*.

"Waww, xi ġmiel ta' kuluri!" Ħadd mit-tfal ma kien ra dal-farfett qabel, wisq inqas daqshekk minnhom f'daqqa. It-tfal ma setgħux jifhmu kif ġew dawk il-friefet f'salt u x'kienu qed jagħmlu jduru fuqhom qishom storduti. Xtaqu jgħaqqdu idejhom biex jitgħallmu imma dak il-ħin ma setgħux għax kienu mdawrin bit-tfal l-oħrajn. Is-setgħa speċjali li kellhom kienet sigriet tagħhom biss.

"Naf x'nagħmlu," qalet Sylvia. "Wara l-brejk għandna PSCD. Peress li qegħdin fi gruppi differenti ħadd mhu se jinduna jekk nitolbu biex niġu skużati. Niġu malajr fil-grawnd u nisimgħu x'qed jiġri."

Hekk għamlu. Kwarta wara li bdiet il-lezzjoni l-erbgħa reġgħu ltaqgħu fil-grawnd. Il-friefet kienu għadhom hemm, jagħqdu fuq rashom.

"Idejkom, malajr," mexxihom Peter. Qagħdu ċirku u qabdu idejn xulxin. Puff! L-ilħna tal-istudenti fil-klassi sparixxaw u flokhom instemgħu ħafna ilħna rqaq, jirtogħdu.

*"Jien se mmut bil-ġuħ! Fejn hu n-nektar li qalu li se nsibu?"*

*"Kif għajjejt! Lanqas ħaqq dal-vjaġġ kollu!"*

*"Jien kważi għeriqt bir-raxx tal-baħar!"*

*"Fejn se nsibu x'nieklu?"*

It-tewmin baqgħu ħalqhom miftuħ. Mela dawn kienu friefet tal-passa, u kienu bil-ġuħ! Minħabba li l-iskola kienet viċin il-baħar, kienet l-ewwel post li l-friefet ġew ifittxu l-fjuri... imma fl-iskola tagħhom lanqas kien hemm fjura waħda!

"Għax ma nużawx il-PSCD biex ngħinu lill-friefet?" qalet Sylvia bi tbissima. It-tlieta l-oħra daru lejha.

"Għandna proġett marbut ma' *Jien u l-Ambjent Tiegħi* u s-Ser qalilna naħsbu f'ideat kif nistgħu ntejbu l-ambjent."

"Fhimtek!" qabżet Maris. "Nispjegaw lill-istudenti fil-gruppi tagħna li l-iskola tagħna hija l-ewwel art li jsibu l-friefet tal-passa x'ħin jaslu mill-vjaġġ.

"U li huwa d-dmir tagħna li nlestulhom l-ikel," daħaq Peter. "Taf x'nagħmlu? Ngħidu lil kulħadd iġib qasrija waħda bi pjanta li tagħmel il-fjuri u ndawru l-grawnd bihom!"

It-twemin telqu 'l xulxin u ġrew ħerqana lura fil-klassi, determinati li mill-għada l-iskola tagħhom tkun l-aqwa ristorant għall-friefet kollha li jaslu mġewħin minn fuq il-baħar!

Victor Falzon








# Kotba ġodda ta' BirdLife Malta

## Dragonflies and Damselflies of the Maltese Islands

**Charles Gauci**

Ktieb ġdid mimli tagħrif u ritratt dwar il-ħajja u l-ħabitati ta' kull waħda mid-19-il speċi ta' mazzarelli u damiġelli tal-Gżejjer Maltin • Bil-kulur kollu • Qoxra iebsa • 159 paġna • Bl-Ingliż • Prezz €20

Biex tixtri dawn il-kotba ċempel lill-BirdLife fuq **21347644/5** jew ibgħat imejl lil **info@birdlifemalta.org.** Jew aqbeż qabża sar-riservi naturali tas-Simar jew l-Għadira.




## Il-Wirt Naturali ta' Għawdex

**Joe Sultana**

Ktieb li jiġbor 83 artiklu li dehru f'rivisti Għawdxin fuq medda ta' snin • Ideali għal min jixtieq jitgħallem dwar il-flora u fawna ta' Għawdex • Bil-kulur kollu • Qoxra ratba • 224 paġna • Bil-Malti • Prezz €15




## Post għan-Natura

**Elisabeth Conrad • Victor Falzon**

Ktieb fuq is-siti Natura 2000 tal-Gżejjer Maltin • Ideali għal studenti tal-ġeografija fis-sekondarji • Mimli tagħrif, ritratt, tpinġijiet u mapep dwar il-flora u l-fawna tat-48 inħawi protetti f'pajjiżna • Bil-kulur kollu • Qoxra ratba • 72 paġna • Bil-Malti • Prezz €7







Bank of Valletta is by my side every day, assisting me to a better financial future, whatever stage in life I am in. Bank of Valletta, my lifetime companion.

www.bov.com or contact 2131 2020

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta

# 10 FUN FACTS ABOUT OCTOPUS!

1. My name "Octopus" comes from the Ancient Greek Octo- eight and poda- foot.

2. I do not have bones so easily I can squeeze in narrow holes!

3. My 8 arms (they are not called tentacles!) have a lot of suckers that I use to crawl.

4. I can also swim very fast... but backwards!! Humans call it jet-propulsion!

5. Don't try to catch me... I will release a black ink to confuse you and run away!

6. My mouth - at the centre of my arms - has a strong beak and I bite releasing venom.

7. If you don't see me... it doesn't mean I'm not there! I can change the colour of my skin to blend with the surroundings!

8. I have a blue-ish blood.

9. I have three hearts; two for pushing the blood through the two pair of gills and one for the rest of the body.

10. My intelligence is very high and humans always want to prove it with studies and experiments!! Give me a jar and I will show you how to open it from the inside!

MALTA NATIONAL AQUARIUM



Hey you... My name's Hank!











## Who is the biggest?

The Giant Pacific Octopus. A specimen was recorded as 272 kg and 9 m in length.



## Who is the smallest?

The Octopus wolfi that is less that 2.5 cm in length and 1 g in weight.



## Who is the most dangerous?

Four highly venomous species of blue ringed octopuses, with their powerful toxin would be able to kill a human.

## COLOUR THE PICTURE



1 - light blue 2 - blue 3 - green 4 - dark green 5 - yellow 6 - orange 7 - violet 8 - gray


Aron Tanti



Dawn huma xi attivitajiet li l-BirdLife ħa torganizza għall-membri, għall-familji u għall-publiku fil-ġimgħat li ġejjin. Għal aktar dettalji ċemplu **21347644/5** jew ibagħtu imejl lil **events@birdlifemalta.org** jew iċċekkjaw il-websajt **www.birdlifemalta.org**

## 28 Ottubru 2018 **Jiftħu r-riservi**

**(10am sa 4pm)** Bħas-soltu daż-żmien tas-sena r-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar jerġgħu jiftħu għall-publiku fi tmiem il-ġimgħa u jibqgħu jiftħu sa Mejju. Biex niċċelebraw dan il-ftuħ se jkollna **Open Day** fir-riserva tal-Għadira u anke Foresta 2000, li qiegħda viċin. Ikun hemm passiġġati bi gwida, logħob u attivitajiet oħrajn, imma fuq kollox iċ-ċans li taraw uħud mill-flora u fawna sbieħ fl-ambjent naturali tagħhom.


Denis Cachia

## 31 Ottubru 2018 **Halloween fl-Esplora**

**(mis-6pm)** Ejjew żuruna l-**Esplora** u idħlu magħna fid-dinja mudlama ta' annimali li jitkaxkru, iferkxu, jitkagħwġu u jitgremxlu – annimali li ħafna nies jitkexkxu minnhom. Imma kemm huma fil-fatt tal-biża' dawn il-ħlejjaq? Flimkien ħa nagħtu ħarsa mill-viċin lil dawn l-annimali affaxxinanti, u nitgħallmu x'parti għandhom fin-nisġiet tal-ikel u ċ-ċiklu tal-ħajja naturali.


Victor Falzon

## 18,24,25 Novembru 2018 **Zizka Beltin!**

**(2pm sa 6pm)** Kull ħarifa eluf ta' **zizka bojod** jaslu Malta u jgħaddu x-xitwa magħna. Kull filgħaxija ħafna minnhom jinġabru l-Belt Valletta biex jorqdu f'siġar folti u kennija li hemm fil-pjazez. Ejjew mal-familja u ħudu sehem fl-attivitajiet li l-BirdLife ħa torganizza f'dawn il-ġranet. B'hekk titgħallmu dwar iz-zakak abjad (*white wagtail*) u anke tgħinuna ngħodduhom huma u deħlin biex jorqdu!


Victor Falzon

# il-Ġganti!

Hawn huma l-ġganti mid-dinja tal-għasafar! Ħafna minnhom huma estinti, uħud miljuni ta' snin qabel tfaċċa l-bniedem. Oħrajn qeridhom il-bniedem stess.




1 Ngħama
2 Gastornis x
3 Epijornis x
4 Forusrakos x
5 Moa Prim x
6 Moa Sekond x
7 Rea Prim
8 Rea Żgħir
9 Kasowari
10 Emu
11 Dodo x

x = estint

# Pitirross

Robin *Erithacus rubecula*



Ritratt ta' **Aron Tanti**



BirdLife MALTA



# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żrinġ



**Żeppinu huwa żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina hija kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.**




**Żeppinu.** Nanna, ara ftit tafx tgħid dan il-kliem: *European Week for Waste Reduction!*
**Kolina.** Iva, ara ġej: *European Week for Waste Reduction.* Jaqaw tħajjart tieħu sehem Żeppinu?
**Żeppinu.** Inti taf dan il-kliem xi jfisser?
**Kolina.** U żgur li naf. Din hija ġimgħa f'Novembru fejn diversi pajjiżi jieħdu sehem billi jagħmlu xi attività biex inaqqsu l-iskart.
**Żeppinu.** Iva, hekk qalulna l-iskola. Nann, jien diġà għandi idea tajba ħafna ta' kif nistgħu nnaqqsu. Ismagħha ftit: Innaqqsu l-*homework* ħalli nużaw inqas karti!
**Kolina.** Qed tara kemm inti intelliġenti fejn trid. Imma fil-ħajja kollox irid ikun, inkluż il-*homework*. Però hemm ħafna affarijiet x'tista' tagħmel l-iskola biex tnaqqas l-iskart.
**Żeppinu.** Veru Nanna. Pereżempju *lunch* nieħu biss kemm niflaħ niekol u mhux iż-żejjed. U daqshekk *wet wipes* għax dawk magħmulin mill-plastik. Ser nibda naħsel idejja minflok u nuża sarvetta tad-drapp.
**Kolina.** Prosit Żeppinu. U tinsiex, il-*lunch* dejjem f'*lunchbox* u flok tieħu flixkun tal-plastik kuljum li mbagħad tarmih, timla minn flixkun kbir għal wieħed iżgħar li jibqa' jintuża.
**Żeppinu.** U din is-sena użajt il-basket, il-pokit, il-bajros u l-lapsijiet tas-sena l-oħra. U peress li kbirt ommi xtratli uniformi *second hand*.
**Kolina.** Prosit Żeppinu. Kellu bżonn kulħadd bħalek. Mela ħajjarhom l-iskola ħalli tirreġistraw azzjoni interessanti għal matul din il-ġimgħa. U jekk għandek mistoqsijiet żur il-websajt tal-Wasteserv **www.wasteservmalta.com** jew Facebook page **www.facebook.com/ewwrmalta**, jew staqsi lili!
**Żeppinu.** Sewwa jgħidu li l-kokka hija waħda mill-aktar annimali intelliġenti!
**Kolina.** Kellek xi dubju?




Tpinġija Victor Falzon

EUROPEAN WEEK FOR WASTE REDUCTION 17-25 NOVEMBER 2018 APPLY TODAY!
WASTESERV CREATING RESOURCES FROM WASTE



# Nies bil-Gzuz

Sean Bonello

***Overpopulation* hija l-kelma li tirreferi għal meta popolazzjoni – tal-bniedem jew ta' annimali – tikber sa punt fejn l-ekosistema partikolari ma tkunx tiflaħ għal dik il-kwantità. Meta jiġri hekk ir-riżorsi preżenti ma jkunux biżżejjed biex isostnu dik il-popolazzjoni kollha. U hemm jibda l-inkwiet!**

Din il-problema tista' sseħħ f'ħafna annimali imma hawnhekk ħa niffukaw fuq il-bniedem, u fil-każ tagħna l-ekosistema hija... id-dinja kollha!

## Diversi fatturi

*Overpopulation* (fil-Malti m'għandniex kelma għaliha) hija riżultat ta' diversi fatturi. Waħda minnhom hija t-tnaqqis fir-rata tal-mewt, bir-riżultat li jkun hemm iżjed persuni ħajjin. Fattur ieħor huwa ż-żieda fir-rata tat-twelid. Dawn huma riżultati tal-avvanz fit-teknoloġija u fil-mediċina, li wasslu għall-fejqan ta' ħafna mard.

Il-kwalità aħjar tal-ikel wasslu biex in-nies illum saru jgħixu iżjed, ukoll għax it-teknoloġija wasslet għal immunità aħjar u b'hekk tnaqqsu l-imwiet. Illum f'pajjiżi żviluppati huwa normali li bniedem jgħix iktar minn 80 sena imma fl-antik in-nies ma kinux jgħixu wisq iktar minn 35 sena – bniedem ta' 40 sena kien xiħ tassew!

Fin-natura l-popolazzjoni tal-annimali ma tisplodix għax dejjem hemm żewġ affarijiet jikkontrollawha: predaturi jew nuqqas ta' ikel. Fil-antik il-bniedem ukoll kienu jikkontrollawh dawn iż-żewġ fatturi. Imma dawn l-affarijiet m'għadhomx japplikaw għall-bniedem tal-lum. La għadhom jikluna l-annimali (ħlief f'każijiet rari), u l-ikel tgħallimna nipproduċuh aħna stess.

## Mhux sostenibbli

Li tgħix b'saħħtek u fit-tul hija bla dubju ħaġa sabiħa u tajba, ħaġa li jixtieqha kulħadd. Imma jibqa' l-fatt li l-avvanzi li għamilna fit-teknoloġija u l-mediċina wasslu għal splużjoni fil-popolazzjoni. Din l-isplużjoni mhix sostenibbli u qed ikollha impatt negattiv ħafna fuq l-ambjent.

## Impatt serju

Iktar m'għandek nies, naturalment iktar ħa tiżdied id-domanda għall-faħam, gass u fjuwils oħrajn biex iħaddmu l-ħajja komda li ngħixu. Dawn ir-riżorsi naturali huma limitati u għada pitgħada ħa jispiċċaw. Mhux biss, imma l-użu tagħhom qed iżid l-emissjonijiet ta' $CO_2$ fl-atmosfera li biha qed ngħaġġlu l-proċess tat-tibdil fil-klima. B'hekk l-ambjent qed jiġi ddegradat.

Iż-żieda fil-popolazzjoni qiegħda tagħmel pressjoni qawwija biex tiżdied il-produzzjoni tal-prodotti għall-konsum. Biex inlaħħqu mad-domanda qegħdin nagħmlu użu eċċessiv mir-riżorsi naturali tad-dinja. Biex jitkabbru l-ħxejjex għall-ikel u għall-għalf tal-annimali li jitrabbew għall-ikel trid medda enormi ta' art. Dan qed jirriżulta fit-telf ta' ħabitati naturali, deforestazzjoni, tniġġis tal-ilma ħelu u l-ilma baħar – ilkoll suġġetti li missejna magħhom spiss f'din is-sensiela. Biex id-dinja tesagħna u titmagħna qegħdin nisfurzaw l-estinzjoni ta' eluf ta' speċi ta' annimali u pjanti.

**Fid-dinja llum hawn 7.6 biljun ruħ (7,600,000,000) u kull siegħa jitwieldu 15,000 tarbija ġdida – daqs il-popolazzjoni ta' Ħaż-Żabbar! Kull siegħa!**

U meta l-ambjent ta' madwarna nkunu waqqajnielu l-kwalità u faqqarnieh, inkunu waqqajna wkoll il-kwalità tal-ħajja tagħna stess.

## X'nista' nagħmel?

Forsi ma nistgħux nikkontrollaw il-popolazzjoni, imma **nistgħu** nnaqqsu l-ħela enormi ta' riżorsi. Kemm narmu affarijiet tajbin biex nixtru affarijiet ġodda flokhom? Dak il-mowbajl ġdid żgur kellek bżonnu? Li nixtru affarijiet sempliċiment għax huma moda huwa vizzju irresponsabbli. U kemm ikel naħlu! Tafu li **terz tal-ikel li nipproduċu jispiċċa jintrema**?

Din il-ħela ssir l-iktar fil-pajjiżi żviluppati... inkluż pajjiżna stess.



Victor Falzon

**Id-dinja forsi tiflaħ għall-bżonnijiet tagħna, imma żgur mhux għall-ħniżrijiet tagħna!**

Fil-ħin li domt biex qrajt dan l-artiklu twieldu fid-dinja iktar minn 700 ruħ!


Victor Falzon
*"...pinzell ġgant lest biex ipitter is-sħab fis-sema!"*
iċ-ċipress

## Italian cypress *Cupressus sempervirens*

Is-siġra taċ-ċipress faċli tagħrafha għax tispikka ħdejn siġar oħrajn. Dritta dritta, twila twila u ġejja għall-ponta. Qisha pinzell ġgant lest biex ipitter is-sħab fis-sema! Forsi għalhekk kien tant iħobb ipinġiha l-pittur famuż van Gogh (ara l-kaxxa isfel).


Victor Falzon

Iċ-ċipressa hija siġra konifera, jiġifieri siġra li tagħmel il-**prinjoli** (*cones*). Il-prinjoli taċ-ċipress ikunu bħal blalen żgħar ibsin li għall-ewwel ikunu ħodor li mbagħad isiru kannella. Fl-istaġun niexef jixpakkaw u minnhom taqa' ż-żerriegħa. Bħal koniferi oħrajn, iċ-ċipress ma jagħmilx fjuri, u għandu weraq irqiq, aħdar skur u miksi b'ħafna skwami (scales) żgħar.


Desiree Falzon

Iċ-ċipress tar-razza dejqa hawn min isejħilhom **Tal-Musmar**.



Mhux iċ-ċipress kollu jikber f'dik l-għamla żnella u pulita. Iż-żewġ ċipressiet li jidhru fir-ritratt huma t-tnejn l-istess speċi ta' ċipress imma s-siġra tal-lemin hija razza bil-frieghi iktar miftuħin. Forsi ħdejn l-oħra tidher xi ftit żmattata, qisha qamet tard u ħarġet tiġri għall-iskola bla ma għamlet xagħarha!


Kathleen Galea

Iz-**zokk** taċ-ċipressa għall-ewwel ikun lixx imma biż-żmien jibda jrabbi flieli u tikmix vertikali. Din iċ-ċipressa xwejħa mhux biss għandha ħafna tikmix imma qed jikber fuqha wkoll ħafna **leħjet ix-xiħ**, speċi ta' likena.


Victor Falzon

**Leħjet ix-xiħ**


Victor Falzon

Ħafna nies jassoċjaw iċ-ċipress maċ-**ċimiterji**. Bir-raġun, għax fiċ-ċimiterji jitħawwel ħafna ċipress, kif jidher f'dar-ritratt tal-Addolorata. Tgħid għaliex? Iċ-ċipressa ilha ħafna żmien assoċjata mal-mewt. Fil-mitoloġija Griega ċ-ċipressa kienet sagra għall-allat tal-Art Taħtana (*Underworld*), u meta jmut xi ħadd kienet titħawwel waħda ħdejn qabru. Barra minn hekk peress li ċ-ċipressa hija dejjem-ħadrana u tgħix ħafna sekli saret simbolu tal-ħajja ta' dejjem, u anke donnha qed tipponta lejn il-ġenna! Għandha wkoll xeħta serja għax twila u dejqa, bla xniexel u kuluri, u weraq skur – qisha liebsa l-iswed għal xi funeral.

Fil-fatt l-isem xjentifiku *sempervirens* ifisser **dejjem tħaddar**.









### Ċensu kien iħobbhom!

Iċ-ċipressa kienet waħda mis-siġar favoriti tal-pittur famuż Vincent van Gogh. Donnu ma kienx jixba' jdaħħalha fil-pitturi tiegħu, fosthom dawn it-tlieta.

Victor Falzon

# il-Bufula Sewda

## L-istorbjuża tal-ġonna!

Il-bufula sewda hija waħda mill-iktar għasafar komuni f'Malta u hija mifruxa sew mal-Gżejjer. Żgħira, fuq tagħha u tħobb tiċċaċċra, hija speċi li tħobb il-ġonna tan-nies għax fihom issib l-ikel u l-kenn. Il-bufula sewda hija l-*garden bird* tipiku ta' pajjiżna.



Aron Tanti

**Isem xjentifiku** *Sylvia melanocephala*
**Isem bl-Ingliż** Sardinian Warbler
**Daqs** 13-14ċm **Piż** 11-16g
**Ikel** insetti, dud u frott.
**Ħabitat** ġonna u msaġar
**Status** komuni u residenti s-sena kollha

Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u ħwienet tal-kotba.



Aron Tanti

Il-mara faċli tagħrafha mir-raġel għax rasha griża, mhux sewda. Bħar-raġel ikollha wkoll dak iċ-ċirku ġilda ħamra madwar għajnha.

Daqs proprju ta' bajda ta' bufula sewda



Il-bufula sewda tibni bejta pulita bil-fetħa ftit ovali u fiha tbid minn 3 sa 5 bajdiet.

Fir-ritratti tidher bejta bi tliet bajdiet, u l-istess bejta wara li l-bajd faqqas!





Joe Sultana

**3 bajdiet . . .**

**= 3 flieles!**




Victor Falzon

Jekk tarma *bird table* fil-ġardina għandek ċans tajjeb li żżurek il-bufula sewda. Armaha fil-ħarifa u x-xitwa meta l-ikel naturali (speċjalment insetti) jiskarsa u l-għasafar ibatu l-ġuħ.



Victor Falzon

